**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 30 ta' Mejju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 74/2015 AF**

**Johan Frederik Stellingwerf**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Johan Frederik Stellingwerf li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent, Johan Frederick Stellingwerff jinsab għaddej minn proċeduri kriminali fl-ismijiet '*The Police (Insp. Ian Abdilla & Insp. Yvonne Farrugia) vs. Johan Frederik Stellingwerf'*, liema proċeduri qegħdin fi stadju ta' kumpilazzjoni.

Fil-fatt fis-6 ta' Gunju 2013 ir-rikorrenti tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja akkużat li bejn ix-xhur ta' Jannar 2013 u Mejju 2013, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ikkommetta strupru vjolenti fuq il-persuna ta' Denise Caruana mill-Marsa li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħal ħati u dana minħabba mezzi qarrieqa li l-ħati inqeda bihom;

b) Bi vjolenza, ikkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Denise Caruana mill-Marsa li kienet qiegħda tgħix fl-istess dar bħal ħati u dana minħabba mezzi qarrieqa li l-ħati inqeda bihom;

c) Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil persuna ta' Denise Caruana mill-Marsa li kienet qegħda tgħix fl-istess dar bħal ħati u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal Denise Caruana;

d) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Denise Caruana;

e) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Denise Caruana, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir uzu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħek.

L-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ġew institwiti fuq il-kwerela ta' l-allegat vittma, Denise Caruana, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 0448387M u residenti 12, Triq il-Kungress Marjan, Marsa.

Fil-mori ta' l-investigazzjoni din l-istess kwerela ġiet irtirata permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata minn l-ispettur Yvonne Farrugia u Denise Caruana.

Nonostante li kien hemm l-irtirar ta' din il-kwerela, il-Kummissarju tal-Pulizija akkuża lir-rikorrenti bl-imputazzjonijiet kif dedotti aktar il-fuq u dan wara li Denise Caruana reġgħet talbet li jittieħdu passi kriminali kontra r-rikorrenti.

Qiegħed jiġi preżentament allegat li, għal raġunijiet li sejrin jiġu trattati aktar l-isfel, dan sar bi ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali ta' l-istess rikorrent, ossia d-dritt tas-smiegħ xieraq hekk kif enunċjat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, d-dritt għall-ħajja privata u familja hekk kif enunċjat fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u d-dritt għall rimedju effettiv hekk kif enunċjat fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent għamel dak kollu fil-poter tiegħu sabiex jipprova jsib rimedju ordinarju għas-sitwazzjoni fuq deskritta. Huwa ssolecita lill-intimat Avukat Ġenerali permezz ta' nota u dan sabiex l-istess juża d-deskrizzjoni tiegħu sabiex tinħareġ *nulle prosequi*. Madanakollu l-istess Avukat Ġenerali naqas milli jeżerċita s-setgħa tiegħu.

Ir-rikorrent talab ukoll lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja twaqqaf il-proceduri fil-konfront tieghu però l-istess Qorti naqset li taghmel dan minhabba li skond hija ma ghandhiex dan il-poter.

Għaldaqstant il-kumpilazzjoni kontra r-rikorrenti baqgħet għaddejja u waslet fi stadju fejn l-unici provi li fadal huma l-ittri rogatorji li talbu l-pulizija.

Għalkemm ir-rikorrent qiegħed preżentement igawdi mill-libertà proviżorja, xorta waħda huma mposti fuqu diversi kundizzjonijiet li jxekklu serjament il-ħajja privata tiegħu.

Gialadarba sar dan il-kwadru tal-fatti, l-esponent sejjer jgħaddi biex jagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali tiegħu. Għal fini ta' kjarezza dawn sejrin jiġu trattati b'mod kronoloġiku skond l-iter tal-proċess.

## II. VJOLAZZJONI TAL-ARTIKLU 6 TAL-KONVENZJONI EWROPEA

### IN-NULLITÀ TAL-AKKUŻA KRIMINALI

Meta l-individwu jiġi rinfaċċat bi proċeduri ta' natura kriminali japplikaw dawk is-salvagwardji kollha tas-smiegħ xieraq u dan stante li m'hemmx theddida akbar għal individwu milli meta l-Istat jipproċedi kontrih bl-azzjoni kriminali.

Isegwi li ladarba l-individwu ikun sejjer jirrispondi għal tali akkużi u jiġi mġiegħel jiddefendi ruħu tul l-iter tal-proċess penali dan irid jagħmlu abbażi ta' akkużi li huma legalment fondati

Bir-rispett kollu l-esponent isostni li f'dan il-każ huwa qiegħed jiġi mġiegħel jirrispondi għall-akkużi li kienu estinti sahansitra qabel bdew il-proceduri.

Kif ġie magħdud aktar il-fuq, il-kwerelanta Denise Caruana l-ewwel għamlet kwerela fil-konfront tar-rikorrent iżda imbagħad ddeċidiet li tirtira din il-kwerela.

Malli għamlet dan, il-kwerelanta qatlet l-azzjoni kriminali u dan stante li dawn l-akkużi jiddependu esklusivament fuq il-kwerela tal-parti leża. L-abbli Professur Sir Anthony Mamo jgħid li l-kwerela hi "an essential condition for proceedings to be taken".

Għalhekk għar-rigward ta' dawn it-tip ta' reati l-azzjoni kriminali tiddependi unikament fuq il-kwerela tal-parti leża u dan kemm sabiex tinbeda l-azzjoni u kemm sabiex tkompli tissustissi.

Stabblit li għal dawn it-tip ta' reati jrid ikum hemm bilfors il-kwerela, per konsegwenza jsegwi li n-nuqqas ta' tali kwerela jew l-irtirar tagħha jwassal ghal estinzjoni tal-azzjoni. Kemm hu veru l-għaref Professur Sir Anthony Mamo, fin-notamenti tiegħu dwar l-estinzjoni tal-azzjoni kriminali jgħid illi ġialadarba l-akkużat ikun qiegħed imressaq fuq akkużi li jiddependu mill-kwerela tal-parti leża, l-istess parti leża tista' twaqqaf il-proċeduri permezz tal-irtirar tal-kwerela – u dan anki fi stadju ta' appell:

> "the doctrine which has been accepted by our Code is that where the complaint of the private party is requisite for the institution of the proceedings, these should continue to depend throughout upon the continuing will of the complainant…
>
> This means that the waiver can be made and is operative, even if the case is still pending on appeal…If a complaint made is validly withdrawn, no fresh complaint may be made in respect of the same fact to which the previous complaint referred. The withdrawal of the complaint and the consequent abandonment of the proceedings, or the abandonment of the proceedings (section 374(d)) which can be considered as a form of tacit waiver of the complaint, operates as an extinguishment of the criminal action. 'L'abbandono o la cessione degli atti non arresta il solo procedimento ma perime l'azione.'"[1]

Sabiex inehhi kull dubju l-gharef professur izid jghid illi:

> "The waiver of the right of making complaint may, of course, **also be made before any proceedings at all have been instituted**. This matter leaves no room for doubt where the

[1] Mamo, ara ukoll Buckley v. Borg Cardona 06/02/1943 Vol XXXI.IV.492; Tabone v. Tabone 12/11/1920 Vol XXIV.IV.983; R. v. Galea 14/01/41 Vol. XXXI. IV.290.

waiver is expressed…The waiver, once made, (and where necessary, duly accepted) is irrevocable and it can be pleaded by the defendant in bar of the action or the prosecution of the proceedings."[2] (Emfasi Miżjuda)

Dan il-kliem ma jista' jħalli l-ebda dubju illi ladarba kien hemm ir-rinunzja għall azzjoni kriminali permezz ta' waiver, anki jekk din saret qabel ma attwalment inbdew il-proċeduri, l-azzjoni kriminal tisfa estinta u m'hemm xejn li jista' jerġa jtiha l-ħajja. Tkun ħaġa assurda li l-azzjoni kriminali l-ewwel tiġi estinta permezz tal-waiver, ossia r-*remissio*, imbagħad, fuq ripensament tal-kwerelant, din terġa tingħata l-ħajja.

Kieku kellna naċċettaw sitwazzjoni fejn il-kwerelant jista' jilgħab bl-azzjoni kriminali spettanti lilu u dan billi jibdiha, jwaqqafha u jerġa jibdiha skont il-burdata, nkunu qed inċaħdu ċ-ċertezza legali li wiehed jistenna f'procedura kriminali. Barra minn hekk wieħed ma jridx wisq sabiex jimmaġina l-lok għall abbuż li jista' jiġi kkreat kieku kellna naċċettaw tali sitwazzjoni;

Ta' min jiġbed ukoll l-attenzjoni għal fatt li l-akkużat jista' hu stess jagħmel oġġezzjoni għal kwalunkwe waiver li tkun saret u jista' saħanistra jesiġi li l-proċess penali jitkompla u dan sabiex jassigura li jiġi liberat b'mod li ma jħalli l-ebda dubju fuq l-innoċenza tiegħu. Din il-fakultà li tingħata lill-akkużat tixhed li ladarba jkun hemm tali waiver, id-deskrizzjoni għar-rigward ta' jekk jitkomplix il-proċess penali taqa' f'idejn il-kwerelant biss.

Huwa ghalhekk car li l-azzjoni kriminali, ladarba estinta, ma tista' qatt terġa tingħata l-ħajja. Dan hu anki l-ħsieb tal-għaref Professur Mamo, li jgħid li "If a complaint made is validly withdrawn, no fresh complaint may be made in respect of the same fact to which the previous complaint referred."[3]

Minkejja dan it-tagħlim, il-Pulizija Eżekuttiva xorta waħda mexxiet kontra r-rikorrent fil-konfront anki tal-akkużi li kienu ġew debitament irtirati mill-kwerelanta.

---

[2] Mamo

[3] Mamo, f'dan is-sens ara ukoll R v Michel Azzopardi and Sua maista vs Loreta Cremona

Dan l-iter ta' fatti ma jsibx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk, u għar-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif fuq enunċjati, ir-rikorrent spiċċa rinfaċċjat b'akkużi li huma nulli *ergo quod nullum est nullum producit effectum.* Hadd ma ghandu jigi mgieghel jirrispondi ghal akkuzi li huma nulli.

Il-protezzjoni tas-smiegħ xieraq jikkomprendi li l-akkużat għandu jirrispondi għal proċeduri li huma fondati fid-dritt u m'għandux jiġi mistenni jirrispondi u jghaddi tali proċeduri penali fuq il-bażi ta' azzjoni li hi estinta.

Għal dawn ir-raġunijiet qiegħed jiġi leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq u dan billi għar-rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif fuq enunċjati qiegħed jiġi sottomess għall proċeduri kriminali li huma illegali.

II. II. IN-NUQQAS TA' "DISCLOSURE" TAL-IRTIRAR TAL-KWERELA

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, qiegħed jiġi allegat illi d-dritt fundamentali għall smiegħ xieraq tar-rikorrent ġie leż ukoll meta l-Pulizija Eżekuttiva naqset milli tinforma lid-difiża li kien hemm l-irtirar espliċitu tal-kwerela mill-istess kwerelanta.

Dan qieghed jinghad stante li l-Pulizija Eżekuttiva kienet taf li l-kwerelanta kienet irtirat il-kwerela magħmula minnha, u dan permezz tad-dokument suriferit pero naqset li tippreżenta tali dokument qabel ma ngħata d-digriet tal-*prima facie* mill-Qorti tal-Istruttorja.

Fil-fatt id-difiza saret taf bl-irtirar tal-kwerela kien meta l-Uffiċjal Prosekutur għarrfet dan lid-difensur tar-rikorrent waqt *meeting* bejniethom. Barra minn hekk dan sar biss **wara** li l-Qorti tal-Istruttorja kienet laħqet ħareġet id-digriet tal-*prima facie*.

Hu s'issa ben stabbilit li l-Artikolu 6 jirrikjedi "disclosure" ta' dik l-evidenza kollha li tkun sejra tiġi użata mill-partijiet (inkluż il-prosekuzzjoni) u dan kemm sabiex ikunu salvagwardjati l-

prinċipji ta' l-*audi alteram partem* kif ukoll sabiex il-proċeduri jkunu ta' natura avversjali. Aktar importanti minn hekk, però, id-"disclosure" huwa essenzjali sabiex l-individwu jkun jista' iħejji difiża **prattika** u **effettiva**;[4]

Fis-sentenza *Jespers v. Belgium* ingħad b'mod ċarissmu li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* u d-dritt għal difiza effettiva jfissru li l-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet investigattivi għandhom id-dmir li jiżvelaw dak il-materjal kollu fil-pussess tagħhom, jew għar-rigward liema għandhom il-possibilità ta' aċċess, jekk tali materjal jista' iservi ta' assistenza lil akkużat sabiex dan jeżonera ruħu mill-akkużi jew titnaqqaslu l-piena;[5]

Fis-sentenza *Foucher v. France* in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tagħti access lid-difiza għad-dokumenti relattivi wassal għall-ksur tas-smiegħ xieraq peress li dan ostakola lil akkużat milli jħejji difiża adegwata;[6]

Tant hu hekk li, irrispettivament mill-kasistika kostanti tal-ECtHR, il-Kodiċi Kriminali tagħna, fl-Artikolu 356 minn dejjem impona l-obbligu fuq il-Pulizija Eżekuttiva li "jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata" – ħaġa li ċertament f'dan il-każ ma saritx.

Anki mingħajr tagħli obbligu naxxenti mill-Kodiċi Kriminali, l-każistika tal-ECHR hi ċertament uniformi f'dan ir-rigward. F'kelma waħda il-prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tiżvela dak il-materjal kollu jew l-informazzjoni kollha li għandha, kemm kontra u kemm favur l-akkużat, u dan sabiex l-istess akkużat ikun f'pożizzjoni xierqa li jħejji difiża prattika u effettiva.

Kieku l-prosekuzzjoni fil-hin propizju ottemporat ruħa mal-obbligi legali tagħha u żvelat dan il-fatt qabel id-digriet tal-*prima facie*, allura d-difiża kienet tkun tista' tqajjem dan il-punt

[4] Rowe and Davis v. United Kingdom, Van Mechelen and Others v the Netherlands, Krcmar and Others v the Czech Republic, Nideröst-Huber v Switzerland, Dowsett v the United Kingdom, Doorson v the Netherlands, Kovač v Croatia, Lüdi v Switzerland

[5] *Jespers v. Belgium*

[6] *Foucher v. France*

u l-Qorti kienet tkun f'posizzjoni fejn tkun tista' tiddeciedi fuq din il-kwistjoni.

Id-digriet tal-*prima facie* ma jistgħax jingħata jekk ikun hemm in-nuqqas ta' element essenzjali għal prosegwiment tal-azzjoni kriminali – bħal fil-każ, per eżempju, fejn il-prosegwiment tal-proċeduri kriminali jkun jistrieħ kontinwament fuq il-kwerela tal-parti leża iżda din il-kwerela tkun ġiet irtirata.[7]

Sfortunatament meta l-prosekuzzjoni naqset milli tiżvela li kien hemm tagħli irtirar tal-kwerela, hija awtomatikament ġibdet it-tapit minn taħt id-difiza u l-istess Qorti li ma setgħu qatt jagħmlu dawn il-konsiderazzjonijiet.

Għalhekk id-difiża ġiet preġudikata b'mod irrimedjabbli ladarba ngħata d-digriet tal-*prima facie* u dan peress li d-difiza tpoggiet f'pozizzjoni li ma ghandha l-ebda rimedju ghajr li tistenna l-ezitu tal-procedura li giet institwita fil-konfront tar-rikorrenti.

Għaldaqstant jiġi sottomess li n-nuqqas ta' "disclosure" min-naħa tal-prosekuzzjoni lleda b'mod irrimedjabbli d-dritt fundamentali tas-smiegħ xieraq u dan billi ppreġudika irrimedabjilment d-difiża tar-rikorrent u ħallieh f'pożizzjoni fejn ma għandu ebda rimedju prattiku u effettiv sabiex jitwaqqfu proċeduri li messhom qatt ma bdew fil-konfront tieghu.

## II.III. NUQQAS TA' SMIEGĦ FI ŻMIEN RAĠJONEVOLI

Mingħajr preġudizzju għall dak magħdud aktar 'il fuq qed jiġi sottomess li ġie leż id-dritt fundamentali għall smiegħ xieraq tar-rikorrent minħabba li l-proċess qiegħed jieħu żmien irraġjonevoli.[8]

L-għan ta' dan il-kunċett hu sabiex l-akkużat ma jinżammx fi stat ta' inċertezza kif ukoll sabiex il-partijiet jiġu protetti minn

[7] P vs cassar galea and Mag Aaron Bugeja and Sua Maesta il Re v. Carmelo Hampton, 06/02/1933

[8] Salesi v. Italy, Nogolica v Croatia, Horvat v Croatia, G. H. v Austria

dewmien proċedurali eċċessiv li jaf ixejjen l-effettività u l-kredibilità ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;[9]

Hu ben risaput li d-dritt għal smiegħ xieraq jikkomprendi li l-ammont ta' żmien li jgħaddi minn meta l-individwu jiġi notifkat bil-proċeduri sa ma jkun hemm verdett finali jkun wieħed raġjonevoli.[10]

Il-ECtHR tat linji gwida fuq iċ-ċirkostanzi li għandhom jiġu kunsidrati meta wieħed jiġi biex jevalwa jekk id-dewmien fil-proċedura għandux jiġi meqjus bħala eċċessiv. Illi dawn iċ-ċirkostanzi jinkludu *inter alia*:[11]

a. Il-kumplessità tal-każ;

b. In-natura tal-fatti;

c. In-numru ta' akkużati u xhieda;

d. L-imġieba tal-partijiet;

e. It-tul ta' kull stadju partikolari tal-proċeduri;

f. Kwalunkwe preġudizzju legali li setgħa sofra l-imputat bħala riżultat tad-dewmien;

g. In-nuqqas ta' rimedji sabiex jiġu aċċelerati l-proċeduri.

Bir-rispett qiegħed jiġi sottomess li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ *de quo* huma tali li meta wieħed iqis il-kriterji msemmija aktar 'il fuq jirrendu t-trapass taż-żmien li diġà għadda mingħajr progress sinifikanti bħala wieħed irraġjonevoli.

Il-kumpilazzjoni kontra r-rikorrent ilha għaddejja madwar sentejn.

---

9 Stögmüller v Austria, H. v France, Bottazzi v Italy, Cocchiarella v Italy

10 Eckle v. Germany, Deweer v Belgium

11 Eckle v. Germany, Angelucci v Italy, Unión Alimentaria Sanders S. A. v Spain, Manzoni v Italy, Boddaert v Belgium, Katte Klitsche de la Grange v Italy,

Meta wieħed jiġi biex jikkonsidra jekk dan hux żmien raġjonevoli wieħed għandu iqis, li l-ewwel u qabel kollox, il-proċeduri ma kienux jitkomplew fl-intier tagħhom kieku l-prosekuzzjoni kienet qdiet l-obbligi tagħha ta' disclosure kif fuq deskritt.

Ghandu jigi ukoll kunsidrat li l-imputat huwa barrani u li għandu l-ħajja u l-familja tiegħu lil hemm minn xtutna. Din il-konsiderazzjoni għandha tinpinġi fuq il-mod kif il-proċeduri jitmexxew u dan stante li għandu jsir kull sforz biex l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tkunx waħda inutilment kajmana.

Issir referenza ghad-diversi nuqqasijiet li servew sabiex il-proċeduri ttawlu inutilment. Wiehed jista' jsemmi d-diversi drabi li l-ufficjali prosekuturi naqsu milli jidhru għall kawża jew inkella milli jkunu preparati għall dak li kellu jsir fis-seduta partikolari. Biex jinghata ezempju f'okkazjonijiet varji l-Uffiċjali Prosekuturi kienu msiefrin jew meta l-Uffiċjal Prosekutur Yvonne Farrugia għazlet li ma tixhidx minħabba l-presenza tal-media fl-awla – bħallikieku kien hemm xi raġuni għalfejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja kellha tiġi mistura!

Ta' min jghid ukoll li l-Uffiċjali Prosekutur Yvonne Farrugia, li hi fil-fatt l-uffiċjal prosekutur li investigat il-każ u mexxiet il-prosekuzzjoni, damet aktar minn sengħa biex tat ix-xhieda tagħha – u dan għal raġunijiet mhux magħrufa.

Fost ir-raġunijiet ohra ghalfejn il-process gie mtawwal inutilment wieħed isib it-talba ghal ittri rogatorja minn prattikament kull stat ewropew li r-rikorrent qatt kellu x-xorti li jkollu x'jaqsam miegħu. Dawn kienu talbiet li saru b'mod leġġer u frivolu u minghajr ma ġie kunsidrat ir-rilevanza u n-neċessità ta' tali itttri rogatorji – partikolarment meta hu magħruf li tagħli procedura hi twila u meta talba għall istess ma kienet xejn għajr fishing expedition mill prosekuzzjoni.

Barra dawn il fatturi wieħed ghandu jikkunsidra li l-mertu u n-natura tal-kaz mhumiex kumplikati u li x-xhieda ma kienux voluminuzi tant li jiġġustifika t-trapass ta' kważi sentejn sabiex biss tinghalaq l-istadju tal-prosekuzzjoni.

Għandu jiġi kunsidrat li għalkemm għaddew kważi sentejn l-proċess għadu fi stadju ta' kumpilazzjoni u m'hemm l ebda ħjiel ta' meta sejra tingħalaq il kumpilazzjoni stante li l-prosekuzzjoni għada qed tinsisti fuq l-ittri rogatorji li għadhom ma waslux.

Stante li l-process ghadu ma ntemmx id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh fi zmien ragjonevoli qieghed jigi vjolat.

II. IV. PROCEDURI BIL-MAGHLUQ

B'ordni tal-Qorti tal-Istruttorja fuq talba tal-prosekuzzjoni u tal-*parte civili* l-proceduri istitwiti kontra r-rikorrenti bdew jinstemghu bil-maghluq. Illi t-talba saret minhabba li n-natura tal-proceduri u x-xhieda li kellha tinstema' setghet tkun tali li toffendi s-sens tal-misthija jew tikkawza skandlu.

Ghalkemm in-natura sensittiva tal-kaz mhux negat li r-rikorrenti umilment talab sabiex il-proceduri jinstemghu bil-maghluq biss meta jkun strettament necessarju sabiex is-socjetà tigi protetta minn dak li jista' joffendi s-sens tal-misthija jew jikkawza skandlu. Illi madanakollu l-Onorabbli qorti tal-Istruttorja cahdet it-talba tar-rikorrent.

Ordni assoluta li l-procedura kollha ghandha tinstema' bil-maghluq mhix fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hu pjenament accettat li proceduri fil-Qorti, partikolarment proceduri ta' natura penali, ghandhom ikunu suggetti ghall-iskrutinju ta' dik is-socjetà li fl-interess taghha tkun qed tigi prosegwita l-azzjoni kriminali.

Anki l-artikolu 531(1) tal-Kodici Kriminali jistabilixxi li bhala norma l-proceduri ghandhom jinstemghu b'mod pubbliku u li kwalunkwe ordni sabiex jinstemghu bil-maghluq ghandha tkun biss l-eccezzjoni u mhux in-norma.

Id-duttrina u l-gurisprudenza fuq dan il-punt huma carissimi, bl-EctHR taghmel numru ta' pronunzjamenti b'mod kostanti u kontinwu fuq tali materja.

Fil-fatt fil-kaz *Werner v Austria* dik il-Qorti qalet:

"the holding of court hearings in public constitutes a fundamental principle enshrined in paragraph 1 of Article 6. This public character protects litigants against the administration of justice in secret with no public scrutiny; it is also one of the means whereby confidence in the courts can be maintained. By rendering the administraion of justice transparent, publicity contributes to the achievement of the aim of Article 6 § 1, namely a fair trial, the guarantee of which is one of the fundamental principles of any democratic society..."[12]

L-istess punt kien ukoll maghmul mill-istess Qorti fis-sentenzi ta' *Lawless v Ireland*,[13] *Golder v The United Kingdom*,[14] *Axen v Germany*,[15] *Diennet v France*,[16] *Schlumpf v Switzerland*,[17] *Riepan v Austria*,[18] and *Pretto and Others v Italy*.[19]

F'*Hummativ v Azerbajan*,[20] l-ECtHR sahansitra ghamlet l-osservazzjonijiet taghha ghar-rigward r-rwol importanti tal-media ghar-rigward ir-rapurtagg tal-proceduri kriminali, u dan ghax tabilhaqq il-media kapaci trawwem skrutinju akbar tal-amministrazzjoni tal-gustizzja.

Fil-kaz *Ashindane v The United Kingdom*,[21] l-ECtHR enuncjat li kwalunkwe limitazzjoni ghad-dritt ta' smiegh pubbliku irid ikun bazat fuq ghan legittimu, irid ikun necessarju, bazat fuq wiehed mill-eccezzjonijiet misjuba fl-Artikolu 6(1) u jrid ikun proporzjonat. Ghalhekk irid ikun hemm proporzjon bejn l-ghan legittimu u l-mezz li bih jipprova jintlahaq tali ghan. Dan kollu jfisser li l-eskluzjoni tal-element tal-pubblicità trid tkun

---

[12] ECHR 1992 (1997)
[13] ECHR 1 (1960)
[14] ECHR 1 (1975)
[15] ECHR 14 (1983)
[16] ECHR 28 (1995)
[17] ECHR 36 (2009)
[18] ECHR 575 (2000)
[19] ECHR 15 (1983)
[20] ECHR 1026 (2007)
[21] ECHR 8 (1985)

strettament necessarja u trid tigi adoperata skond il-htigijiet u cirkostanzi tal-kaz.

Ghalkemm il-harsien tas-socjetà mill-offiza ghal misthija taghha kif ukoll mill-iskandlu huma ghanijiet legittimi, ma hem l-ebda dubju li l-ordni assoluta li bih tnehhiet kull tip ta' pubblicità mill-proceduri fl-assjem intier taghhom kienet ordni li la kienet necessarja u lanqas proporzjonata.

Fil-fatt mhux kull seduta kienet okkupata b'xhieda jew evidenza li kienet kapaci tikkawza offiza ghal misthija jew skandlu. Anzi kien hemm numru konsiderevoli ta' seduti fejn kien hemm dibattiti u trattazzjonijiet shah fuq punt ta' ligi u fuq affarijiet ohra.

Kien hemm bosta kawzi ta' natura simili quddiem il-Qrati nostrana fejn ma nhassitx il-htiega li l-element pubbliku jigi ghal kollox mnehhi b'mod assolut.

L-ordni assoluta sabiex il-proceduri kollha jinstemghu bil-maghluq hi anki sproporzjonat meta wiehed jiftakar li l-istess Onorbbli Qorti ghandha ghad-dispozizzjoni taghha rimedji aktar specifici sabiex jintlahaq l-istess ghan legittimu. L-Onorabbli Qorti tal-Istruttorja, per ezempju, setghet facilment tordna l-izgombru tal-awla biss f'daw kis-seduti jew istanzi fejn tkun sejra tinstema' xi xhieda li toffendi l-misthija jew tikkawza skandlu – hekk kif fuq kollox isir f'bosta istanzi.

L-ECtHR enuncjat ghal bosta drabi, fosthom f'*Kart v Turkey*,[22] li t-tnehhija assoluta tal-element pubbliku ghar-rigward il-procedura fit-totalità taghha hi sproporzjonata meta hu possibbli li jigi protett l-istess ghan legittimu permezz ta' metodi ohra bhall-izgombru temporanju tal-awla.

Wiehed irid ukoll izomm f'mohhu li t-talba sabiex il-procedura jergghu jinfethu ghal pubbliku giet maghmula fi stadu fejn il-parte civile kienet digà xehdet u fejn hafna mid-dettalji relatati mal-istess kaz kienu xorta ahda digà sabu ruhhom fuq il-mezzi tax-xandir.

[22] ECHR 1981 (2001)

F'tali cirkostanzi r-rikorrent ihoss li t-tkomplija tal-proceduri bil-maghluq hu ta' pregudizzju serju ghad-dritt fundamentali ghall-smiegh xieraq.

## II. VJOLAZZJONI TAL-ARTIKLU 13 TAL-KONVENZJONI EWROPEA

Mingħajr preġudizzju għas-suespost qiegħed jiġi allegat li bil-mod kif ġraw il-fatti tal-każ *de quo*, ġie leż d-dritt fundamentali tar-rikorrent għall rimedju effettiv taħt l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Umilment jigi sottomess li r-rikorrent sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma jista' jagħmel xejn sabiex jirrimedja l-pożizzjoni li qiegħed fiha.

Il-ġurisprudenza tal-ECtHR fuq in-nuqqas ta' rimedju effettiv hi ampja u kostanti, b'dan id-dritt jiġi interpretat bħala n-nuqqas ta' individwu li jkollu mezz legali milli jissalvagwardja u jinforza d-drittijiet tiegħu.[23]

Ir-rikorrent tressaq fuq akkużi kriminali u minħabba nuqqasijiet serjissimi da parte tal-prosekuzzjoni ġie miċħud mill-opportunità li jagħmel difiża effettiva. Kieku ma kienx hemm dawn in-nuqassijiet u d-difiża tħalliet fil-possibilità li tagħmel xogħolha, kieku r-rikorrent kien ikun f'pożizzjoni ferm differenti ghax kien ikollu l-possibilità li iwaqqaf il-proceduri tal-anqas ghar-rigward tal-aktar imputazzjonijiet serji fil-konfront tieghu.

Sfortunatament, però, wara li sar dak li sar, ir-rikorrent sab ruħu maqbud fi stadju tal-proċedura fejn il-Qorti li qed jidher quddiemha m'għandhiex is-setgħat skond il-ligi li tagħti rimedju prattiku u effettiv.

Kif hu ben risaput, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' l-Istruttorja m'għandiex il-kapaċità illi tieħu deċiżjonijiet fuq il-mertu tal-proċeduri li għandha quddiema.

Gialadarba l-Qorti tal-Istruttorja tkun tat id-digriet tal-*prima facie*, din ma jibqalha l-ebda funzjoni jew setgħa għajr li

[23] Vide inter alia Mikalauskas v. Malta, Kudła v Poland, E and Others v. UK

teżegwixxi l-istruzzjonijiet tal-Avukat Ġenerali permezz tal-proċess tar-rinviji filwaqt li tieħu ċertu deċiżjonijiet periferali, per eżempju fuq kwistjonijiet ta' libertà proviżorja. Illi dan ifisser li l-Qorti tal-Istruttorja, għalkhemm għandha quddiema ċirkostanza fejn hu ovvju li l-proċeduri kriminali quddiema huma nulli (dejjem għar-rigward l-ewwel żewġ imputazzjonijiet) qegħda fil-pozizzjoni assurdissima li trid tkompli għaddejja bil-proċess u dan a skapitu tar-rikorrent.

Kif kienet oriġinarjament maħsuba l-proċedura penali tal-kumpilazzjoni, kien l-intendiment tal-leġislatur li l-kumpilazzjoni kollha ssir fi żmien xahar u li l-eżerċizzju tar-rinviji mal-Avukat Ġenerali jkun biss mezz straordinarju kif jiġu ammessi xi xhieda jew provi oħra li għal xi raġuni jew oħra jkunu nqabżu.

Fil-fatt il-proċedura tar-rinviji kienet intiża sabiex effettivament, l-Avukat Ġenerali jkollu strument li bih a) jkun jista' kemm jissorvelja dak li qed isir mill-Qorti tal-Istruttorja qua il-*Prim Maġistrat*, b) jitqiegħed f'pożizzjoni li jista' jiddeċiedi jipproċedix quddiem il-Qorti Kriminali jew joħroġx in-*nulle prosequi* u c) ikun jista' jiġbor dawk il-provi li jkunu possibilment mankanti sabiex ikun jista' jirrediġi l-Att ta' Akkuża b'serħan il-moħħ u konvinċiment qua prosekutur pubbliku.

Madanakollu matul iż-żmien, anki sforz il-mod leġġer li bih ġie interpretat il-grad neċessarju għad-digriet tal-*prima facie*, l-intendiment oriġinali ta' kif għandha ssir u tingħalaq il-kumpilazzjoni inqaleb rasu l-isfel. Tant hu hekk li llum wieħed aktar jista' jgħid li l-kumpilazzjoni ssir permezz tar-rinviji tal-Avukat Ġenerali milli fiż-żmien ta' xahar mogħti mill-liġi.

Għalkemm wieħed jista' jargumenta li din il-prattika hi xorta waħda konsonanti mal-liġi, l-fatt hu li din l-istess prattika ġabet magħha numru ta' konsegwenzi li wħud minnhom xejn ma' huma konformi mal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u d-drittijiet tal-akkużat. Ghalfejn qieghed jingħad dan: għaliex l-imsemmija prattika, fost affarjiet oħra, fissret li li l-*prima facie* qed tingħata fi stadju bikri ħafna tal-proċedura u qabel ma jkun hemm l-opportunita li l-Qorti tal-Istruttorja u d-difiza

jiffamiljarizzaw ruħhom man-natura vera tal-każ b'mod li jistgħu jiffunzjonaw b'mod effettiv r-rwol rispettiv tagħhom.

Għalhekk qedgħin jiġu kreati sitwazzjonijiet bħal tar-rikorrent fejn il-Qorti tisvestixxi ruħha mill-poteri limitati (għalkemm importantissmi) tagħha fi stadju prematur. Dan qed joħloq sitwazzjonijiet fejn l-akkużat jispiċċa jrid jissottometti ruħu biex jgħaddi mill-iter tal-kumpilazzjoni kollha anki f'ċirkostanzi fejn wara l-*prima facie* jitfaċċaw fatti li jixhdu l-azzjoni kriminali bħala waħda estinta. Għalhekk għandna sitwazzjoni fejn l-imputat għaddej kumpilazzjoni ma għandu l-ebda mod kif iwaqqaf il-proċedura kontrih ladarba tkun ingħatat il-*prima facie*, u dan irrispettivament minn kwalunkwe konsiderazzjoni. Illi hu proprju għalhekk li f'din iċ-ċirkostanza l-imputat huwa għal kollox nieqes minn rimedju prattiku u effettiv!

Għaldaqstant l-esponent jinsab f'pożizzjoni fejn għalkemm hemm prova ċara li l-azzjoni kriminali ġiet estinta, cioè, l-irtirar tal-kwerela, dan ma jistax jitlob lill-Qorti Struttorja sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan id-dokument u tgħaddi biex twaqqaf il-proċeduri fil-konfront tiegħu.

Għalhekk ir-rikorrent qiegħed f'pożizzjoni assurda li jrid ikompli jissottometti ruħu għal proċeduri kriminali serji, u dan bl-inkonvenjent kollu li dawn iġibu magħhom, meta hemm diġà esebit fl-atti dokument li kapaċi jwassal għall eżawriment ta' tali azzjoni kriminali.

Bir-rispett dovut l-esponent isostni li tali sitwazzjoni tilledi bl-aktar mod lampanti d-dritt tar-rikorrent li jingħata rimedju li huwa prattiku u effettiv taħt il-liġi.

Ma tagħmilx sens li bniedem jiġi mistenni li jgħaddi mill-proċeduri tal-kumpilazzjoni kollha meta huwa jaf li finalment l-azzjoni kriminali hi waħda estinta u dan sempliċement għax m'hemm l-ebda rimedju fil-liġi għal din is-sitwazzjoni.

'Il fuq minn kull kunsiderazzjoni oħra jiġi sottomess li l-Istat għandu obbligu pożittiv li jipprovdi rimedju effettiv għal

sitwazzjonijiet fejn id-drittijiet fundamentali tal-individwu jafu jiġu leżi.[24]

Id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq jikkomprendi li l-akkużat ikun jista', fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri kriminali, iġib a konjizzjoni tal-Qorti fatti u ċirkostanzi li jistgħu jew jiskulpawh jew tal-anqas iwaqqfu proċeduri meta jkun ċar li dawn huma estinti.

Għalhekk, u tenut kont ta' dak magħdud aktar il-fuq, qiegħed jiġi sottomess li qed jiġi leż id-dritt tar-rikorrent għal rimedju effettiv stante illi l-Istat naqas mill obbligi pożittivi tiegħu li jipprovdi tagħli rimedju fil-konfront tal-istadju partikolari tal-proċess li jinsab għaddej minnu r-rikorrent.

## III. VJOLAZZJONI TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI EWROPEA

L-esponent jisħaq li minħabba li hu ġie mgħoddi minn proċeduri kriminali li huma bażati fuq akkużi legalment infondati, tal-anqas fejn jirrigwardaw l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, u l-konsegwenzi li dawn ikkawżaw lir-rikorrent ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu skond l-artikolu 8.

Kif osservat aktar 'il fuq, il-proċeduri kontra r-rikorrent, dejjem għar-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, qatt ma messhom inbdew u l-prosegwiment tal-azzjoni kriminali (azzjoni fiha nfisha estinta) abbażi ta' akkużi nulli fisser li r-rikorrent ġie deprivat mill-libertà tiegħu għall-żmien xahrejn kif ukoll li kellu jissottometti għal kundizzjonijiet li xekklu serjament il-ħajja privata tiegħu.

Wieħed irid jagħti kont għal fatt li r-rikorrent hu ta' nazzjonalità Olandiza u ġie rinfaċċjat b'akkużi kriminali ġo pajjiż barrani għalih u fejn la kellu xogħol, la post pre-determinat fejn jgħix

[24] Fuq l-obbligi pożittivi tal-Istat vide Ogur v Turkey, L v. Lithuania, Paul and Audrey Edwards v United Kingdom, Fadeyeva v Russia, Hatton and Others v United Kingdom, Oneryildiz v. Turkey

għal dan it-tul ta' żmien u fejn ma kellu lil ħadd mill-familja tiegħu.

Kif żviluppa l-każ ir-rikorrent dam madwar xahrejn taħt arrest preventiv u dan sakemm ingħata l-libertà proviżorja.

Anki meta ngħata l-libertà proviżorja, ġew imposti fuqu numru ta' kundizzjonijiet, fosthom li ma jsifirx il-barra mill-pajjiż.

Dan fisser li r-rikorrent kien prekluż milli jirritorna lura lejn pajjiżu, imqar  darba jew f'xi okkażjonijiet, sabiex kemm jara lil-familtu jew ikompli fuq xogholu.  Sahansitra l-Qorti cahdet talba tieghu sabiex issiefer fuq ragunijiet medici.

Meta r-rikorrent ġie prekluż milli jsiefer dan fisser ukoll li r-rikorrent kien prekluż milli jżur lil familtu fl-Olanda u dan f'kuntest fejn omm u missier ir-rikorrent huma t-tnejn ferm avvanzati fl-età u huma t-tnejn afflitti minn mard serju.  Tant hu hekk li omm ir-rikorrent nstabilha kancer qalil fi stadju avvanzat hafna, tant li dan ġie deskritt bħala *palliative cancer* bla tama ta' fejqan.  Fil-fatt omm ir-rikorrent ingħatat biss ftit xhur ta' ħajja.

B'dan kollu qed jiġri r-rikorrent kellu jibqa' Malta, jaffaċċja proċeduri li misshom qatt ma ġew prosegwiti bil-mod kif effetivament ġara.  Kien biss wara numru ta' rikorsi u numru ta' seduti li r-rikorrent finalment inghata l-jedd li jsiefer sabiex ikun ta' sostenn lil ommu fl-ahhar jiem ta' hajjitha u dan xorta wahda taht kundizzjonijiet restrittivi.

Għalhekk qiegħed jingħad li bil-mod kif inbdiet u ġiet prosegwita l-kawża kontra r-rikorrent, hu ġie serjament imxekkel mill-ħajja privata tiegħu b'mod li kien kompletament sproporzjonat għall dak li kien ekwu u xieraq fiċ-ċirkostanzi.

## IV. TALBA

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara u tordna:

1. Li l-Kummissarju tal-Pulizija kiser id-drittijet fundamentali ta' l-akkużat meta huwa ġie imressaq fuq akkużi għar-rigward ta' liema l-azzjoni kriminali kienet estinta;

2. Li l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Avukat Ġenerali jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hekk kif enunċjat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Li n-nuqqas tal-Istat li jipprovdi rimedju prattiku u effettiv jikkostitwixxi nuqqas ta' l-Istat li jonora l-obbligi pożittivi tiegħu taħt l-artikolu l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Li l-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Avukat Ġenerali jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hekk kif enunċjat fl-artikolu 32 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

5. Li l-proċeduri penali kontra r-rikorrent għandhom jiġu mwaffqa definittivament sa fejn dawn jirrigwardaw dawk ir-reati li kienu koperti bl-iltirar iffirmata minn Denise Caruana;

6. Li f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm tali ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent tgħaddi biex tillikwida d-danni spettanti lilu bħala kumpens.

U dan salv kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghanda taghti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepew illi:

Il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens illi huwa garrab ksur tad-dritt ghal smigh xieraq protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Ewropeja meta allegatament giet irtirata l-kwerela mill-parti privata u minkejja dan inharrgu l-akkuzi inkonfront tar-rikorrenti, li r-rikorrenti ma kienx infurmat bl-irtirar ta' tali kwerela, bl-allegat dilungar tal-proceduri u mill-fatt li l-proceduri qed jinstemghu bil-maghluq. Ir-rikorrent qed jallega wkoll li huwa ma ghandux rimedju effettiv skont dak li jipprovdi l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni u li garrab ksur tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni in kwantu ma giex rispettat id-dritt tieghu ghall-hajja privata.

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Preliminarjament, in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, dina l-azzjoni hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2011 fl-ismjiet *Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali* ladarba f'dan il-kaz il-process kriminali ghadu ma giex mismugh u mitmum, s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrenti sejjer jigi zvantaggjat waqt is-smigh tieghu. Kif jista' r-rikorenti f'dan l-istadju jallega li ma ghandux smigh xieraq meta l-kawza kriminali tieghu ghadha fil-fazi tal-kumpilazzjoni? Jigi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex xieraq li l-ilment tar-rikorrent jigi diskuss u trattat in vacuo u b'hekk dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha.

F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza kostanti li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jigi biss ezaminat ladarba l-process kriminali tieghu jigi konkluz.

Preliminarjament ukoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u dan peress illi

dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni ghal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bhal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduci l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruhhom li jharsu fit-territorju taghhom. Dawn iz-zewg artikoli qatt ma jistghu jigu invokati.

L-esponenti jirrilevaw illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinciz tieghu jeskludi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32 ta' l-istess Kostituzzjoni meta tipprovdi s-segwenti:

> "46. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju".

L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali per se u dan peress illi l-artikoli protettivi ghad-drittijiet fundamentali huma kontenut fl-artikoli 33 sa 45 u dank if jipprovdi l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni.

Fil-mertu u in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-kumpilazzjoni li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti

ta’ process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika.

Jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta’ ntralc ta’ smigh xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gjust.

Ma hemm l-ebda dubju li l-provi in konfront tar-rikorrenti qeghdin jigu migbura minn 'qorti' u cioe' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u ghalhekk ir-rekwizit ta' 'qorti' li jimponi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie sodisfatt. Illi dwar ir-rekwiziti ta' 'tribunal' li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-esponenti jissottometti wkoll illi dan ir-rekwizit huwa sodisfatt u f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Le Compte, Van Leuven and Meyere deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi '*… the use of the term “tribunal” is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of article 6 (1) itself'.*

Il-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta minn Magistrat huma garanzija fiha nnfisha ta' indipendenza u imparzjalita'. In oltre, il-procedura nnifisha toffri garanziji estensivi biex jissalvagwardjaw lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz **Piersack** deciz fl-1 ta' Ottubru 1982 il-Qorti Ewropea osservat illi '*Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect'.*

In kwantu r-rikorrenti qieghed jallega li l-proceduri kriminali in konfront tieghu huma nulli in kwantu allegatament il-parti privata li ghamlet il-kwerela irtirat tali kwerela, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li dina l-kwistjoni mhijiex kwistjoni ta’

indoli kostituzzjonali izda se mai hija kwistjoni li ghandha tigi dibattuta u trattata quddiem il-*forum* kompetenti u cioe' quddiem il-Qrati muniti b'gurisdizzjoni penali wara li tigi konkluza l-kumpilazzjoni.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 545 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) jitratta l-irtirar ta' kwerela u fis-subinciz (1) tieghu jipprovdi bhala regola li meta proceduri kriminali ma jistghux jigu istitwiti hlief fuq talba tal-parti privata, il-kwerelant jista' matul il-pendenza tal-azzjoni kriminali jirrinunzja ghall-kwerela li jkun ghamel u tali rinunzja tista' ssir sahansitra sa qabel ma tinghata s-sentenza kontra l-imputat.

Sal llum il-parti privata ghadha ma rtiratx il-kwerela taghha skont l-Artikolu 545 tal-Kodici Kriminali. Ghal kuntrarju dak li jirrizulta huwa li l-parti privata zammet ferm il-kwerela taghha u xehdet b'mod estensiv u dettaljat dwar l-ewwel zewg reati f'xhieda ta' kwazi mitejn pagna.

Dak li qed jirreferi ghalih ir-rikorrenti bhala irtirar tal-kwerela kien biss il-fatt li l-parti privata kienet ghamlet l-ewwel rapport taghha fl-Ghassa tal-Hamrun fit-2 ta' Gunju 2013 u kien sussegwentment li tkellmet mal-Ispettur inkarigat mit-Taqsima ta' kontra l-Vizzji fejn il-parti privata ghal bidu bhal donnha kienet qed tahsibha jekk taghmilx kwerela dwar r-reati ta' strupru vjolenti fuq il-persuna taghha u ta' attentat vjolenti fuq il-pudur taghha izda aktar tard iddecidiet li taghmel il-kwerela taghha. Illi dina l-kwerela fil-forma ta' dikjarazzjoni saret fil-5 ta' Gunju 2013 u giet esebita fil-kumpilazzjoni (fol. 35-38). Illi kien wara li saret dina d-dikjarazzjoni li ttiehdu l-istqarrijiet minghand ir-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda dawn ir-reati u li nhargu l-akkuzi in konfront tar-rikorrenti liema akkuzi nhargu fis-6 ta' Gunju 2013.

Minn dan jirrizulta li ma kien hemm l-ebda irtirar tal-kwerela kif qed jigi allegat u li ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti ma tregix u konsegwentement ghandha tigi michuda.

In kwantu r-rikorrenti qed jallega ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti minn allegat nuqqas ta' zvelar tal-irtirar tal-

kwerela, l-esponenti jissottomettu li kif ben osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2013 fir-referenza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) v. Patrick Spiteri* illi huwa "*malintiz piuttost mifrux illi min hu akkuzat b'reat ghandu xi dritt fondamentali illi ma tithalla titressaq ebda xhieda li tista' b'xi mod tkun ta' hsara ghalih, bhallikieku ghandu d-dritt ukoll illi f'kull kaz jinstab mhux hati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tigi mcahhda mill-mezzi biex tipprova l-kaz taghha".*

Il-principju tal-*equality of arms* jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita' ragonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjonijiet li ma jqieghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra.

Il-garanziji tas-smigh xieraq jahsbu ghall-izvelar ta' evidenza rilevanti. Madanakollu tali zvelar mhuwiex dritt assolut peress li fil-kuntest ta' proceduri kriminali jista' jkun hemm interessi kontrastanti inkluz il-htiega li jigi protett xi xhud jew sabiex ma jigux zvelati metodi ta' investigazzjoni ta' reati da parti tal-Pulizija liema interessi ghandhom jigu kkunsidrati u mwiezna kontra d-drittijiet tal-imputat (ara *Doorson v. the Netherlands* tas-26 ta' Marzu 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 470, § 70). F'certu kazijiet ikun necessarju li ma tigix zvelata certu evidenza lid-difiza sabiex jigu protetti d-drittijiet fundamentali tal-vittma.

Kif nghad aktar il fuq qatt ma jista' jinghad li kien hemm irtirar esplicitu tal-kwerela tal-parti privata kif qed jallega r-rikorrenti tant hu hekk li l-parti privata fl-ebda punt tal-kumpilazzjoni ma irtirat il-kwerela taghha. Illi di piu' ir-rikorrenti qieghed jiehu parti attiva hafna fil-kumpilazzjoni billi jikkontro-ezamina x-xhieda prodotta b'mod metikoluz inkluz li sar ukoll il-kontro ezami tal-parti privata. Illi dan kollu juri li d-drittijiet tar-rikorrenti qeghdin jigu salvagwardjati stante li huwa inghata l-kwadru kollu tal-fatti kif ukoll il-possibilita' li jaghmel kull domanda li hass li hija pertinenti u li tirrigwarda dak li r-rikorrent qieghed isejjah bhala 'irtirar tal-kwerela'.

Ghalhekk anke dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

In kwantu r-rikorrenti qieghed jallega li l-process qieghed jigu zmien irragonevoli bi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, l-esponenti jissottomettu li l-proceduri in konfront tar-rikorrenti gew istitwiti fis-6 ta' Gunju 2013 liema kumpilazzjoni waslet fl-istadju avvanzat.

Certament li perjodu ta' sentejn ghall-gbir ta' provi li jinvolvu wkoll provi li kellhom jingabru minn awtoritajiet esteri permezz ta' rogatorji ma jfissirx b'daqshekk li b'mod awtomatiku ghandu jinsab li kien hemm dewmien ingustifikat. Tabilhaqq hija gurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irragonevolezza taz-zmien ma ghandhux jigi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet ghaddejja kawza, imma ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. Ghalhekk, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjoni trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax jigi ezaminat biss element jew parti wahda minn tali procedura.

Sabiex dina l-Onorabbli qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat li mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien kien wiehed kappriccuz u ntiz biss biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skont il-ligi. Ghall-kuntrarju, propru fil-kaz tallum id-dewmien ma kienx wiehed kappriccjuz jew irragonevoli izda kien dovut minhabba n-natura u l-komplessita' tal-proceduri in kwistjoni u l-fatt li kien hemm numur ta' persuni esteri li kellhom jaghtu x-xhieda taghhom.

Jekk wiehed jifli l-verbali tas-seduti li qed jinzammu fil-kumpilazzjoni, wiehed isib li qatt ma ntalbu differimenti. Barra minn hekk, kull seduta intuzat sabiex ittellghu xhieda jew gew dibattuti punti legali. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li fil-proceduri kriminali kien hemm xi telf ta' zmien.

Ghalhekk anke dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

In kwantu r-rikorrenti qieghed jallega li nuqqas ta' pubblicita' li qed tinghata lill-proceduri kriminali peress li tali proceduri qeghdin jinstemghu bil-maghluq qed jivvjolaw id-dritt tieghu ghal smigh xieraq, l-esponenti jissottomettu li d-dritt li l-

proceduri jinstemghu fil-miftuh mhuwiex dritt assolut izda tali dritt jista' jigi limitat abbazi ta' wahda mir-ragunijiet imsemmijja fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti jinstab akkuzat b'reati relatati ma' frodi kif ukoll bir-reat ta' strupru vjolenti u ta' attentat vjolenti fuq il-pudur tal-persuna privata li jfisser li fil-kors tax-xhieda jissemmew dettalji li huma personali u intimi. Illi f'kawzi bhal dawn huwa necessarju u utli li x-xhieda jkunu f'posizzjoni li jesprimu lilhom infushom bl-aktar mod car fuq avvenimenti li jkunu ghaddew minnhom minghajr biza' li jnanqlu kurzita' perversa jew kummenti mhux xierqa mill-pubbliku. Illi hija gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasburgu li l-fatt li proceduri kriminali jinstemghu bil-maghluq sabiex jigu protetti l-morali, il-hajja privata tal-persuni involuti u anke f'dawk il-kazijiet li l-ahjar interessi tal-gustizzja hekk jirrikjedu bl-ebda mod ma jfisser li l-akkuzat jgarrab ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

L-Artikolu 531 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jahseb ghall-proceduri bil-maghluq f'kaz li tali proceduri jekk jinzammu fil-mitfuh jistghu joffendu s-sens tal-misthija jew jaghtu skandlu. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tenut kont in-natura tar-reati u x-xhieda nvoluta certament li kienet gustifikata meta ornda illi l-kumpilazzjoni tinstema' bil-maghluq.

Ghalhekk anke dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

In kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 13 ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti ir-rikorrenti ghandu rimedju kif tinghalaq il-kumpilazzjoni u jinhargu l-artikoli jew l-Att tal-Akkuza kif ukoll rimedju quddiem dina l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha li t-tnejn huma awtorita' nazzjonali li tistghu jaghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali.

L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jitlobx li r-rimedju ghandu jkun fil-qafas tal-proceduri tal-kumpilazzjoni kif donnu qed jippretendi r-rikorrenti. Bil-kontra l-importanti huwa li jkollok rimedju quddiem awtorita' nazzjonali, dan irrispettivament jekk tali rimedju jezisti fil-fazi tal-kumpilazzjoni jew bil-mezz ta' kawza kostituzzjonali/konvenzjonali.

Hekk perezempju ilment taht l-Artikolu13 kien gie mwarrab mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza *Nazzareno Zarb v. Malta* deciza fl-4 ta' Lulju 2006 anke jekk fil-ligi ordinarja ma kienx hemm rimedju fil-kaz ta' dewmien ingustifikat fil-proceduri, madankollu xorta kien hemm rimedju taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta fil-forma ta' kawza quddiem il-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali.

Anke bl-intavolar ta' dawn il-proceduri, ir-rikorrenti stess qieghed jirrikonoxxi li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv sabiex jigi rimedjat l-allegat ksur.

Ghalhekk anke dina l-lanjanza hija infondata stante li dina l-Onorabbli Qorti bhala awtorita' nazzjonali ghandha s-setgha li taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti kemm il darba huwa jirnexxilu juri li xi mkasbar lilu xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tieghu.

In kwantu r-rikorrenti qieghed jallega ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja peress li gie privat mill-liberta' tieghu ghal zmien xahrejn u li gie sottomess ghall-kundizzjonijiet ta' *bail* li xekklu l-hajja privata tieghu, l-esponenti jissottomettu li bhala regola dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jipprovdi illi kull persuna ghandha dritt ghar-rispett tal-hajja familjari taghha u ghall-privatezza taghha. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx ghall-lezjoni jekk tali interferenza saret skont il-ligi u tkun necessarja f'socjeta' demokratika.

Ir-rikorrent inzamm taht arrest preventiv skont il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali u tali interferenza kienet necessarja sabiex ma jkunx hemm intralc fil-kompilazzjoni tal-evidenza.

Meta r-rikorrenti gab a konjizzjoni tal-Qorti li qed tisma' l-kumpilazzjoni li ommu kellha marda terminali gie permess lilu li johrog minn Malta regolarment sabiex ikun jista' jqatta' l-hin tieghu maghha.

Ghalhekk anke dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u għall-ħajja privata u familja. Jilmenta wkoll dwar nuqqas ta' rimedju prattiku u effettiv għall-ksur li jsostni illi ġarrab.

Ir-rikorrent jibbaża l-lanjanzi tiegħu fuq il-fatt li, skont hu, minkejja li l-allegata vittma irtirat parti mill-kwerela li għamlet lill-pulizija, il-Kummissarju intimat xorta waħda akkuża lir-rikorrent bl-imputazzjonijiet li dwarhom jgħid li ġiet irtirata l-kwerela u dan għaliex l-allegata vittma kellha ripensament u reġgħet talbet lill-pulizija jieħdu passi kontrih. Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar nuqqas ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Jirrizulta illi r-rikorrent jinsab akkużat b'reati ta' stupru, attentat vjolenti għall-pudur, frodi u misappproprijazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-kumpilazzjoni tal-provi ilha pendenti quddiem l-imsemmija Qorti mis-sena 2013.

Jirriżulta li l-allegata vittma kienet għamlet rapport fl-għassa tal-Ħamrun fit-2 ta' Ġunju 2013 fis-sens illi r-rikorrent, Olandiż li sa dak il-ħin ma kienitx taf kunjomu, u li miegħu kienet f'relazzjoni sa ftit ġimgħat qabel, kien abbuża minnha sesswalment kif ukoll iffrodaha. L-allegata vittma spjegat illi r-rikorrent kien imsiefer imma għaddiet lill-pulizija dettalji dwar meta kien ġej lura Malta.

Minħabba n-natura tal-allegazzjonijiet, l-allegata vittma ġiet riferuta lit-Taqsima kontra l-Vizzji. Jirriżulta li meta l-Ispettur Yvonne Farrugia mill-imsemmija taqsima spjegatilha li f'każ illi l-pulizija jieħdu passi kontra r-rikorrent, hija kien ser ikollha tixhed fl-eventwali proċeduri kriminali li jittieħdu kontrih, hija talbet lill-pulizija tkompli tinvestiga lir-rikorrent biss dwar l-allegat frodi. Dan kien dakinar tal-4 ta' Ġunju 2013 u l-allegata vittma għalhekk irrilaxxat dikjarazzjoni lill-Ispettur Farrugia fejn qalet hekk:

> *"...nixtieq li l-Ispettur Yvonne Farrugia twaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront ta' Johan Frederik Stellingwerf mill-Olanda u ma tressqux il-Qorti fir-rigward tar-rapport tal-abbuż sesswali li jien għamilt l-Għassa tal-Ħamrun nhar it-2 ta' Ġunju 2013."*

L-akkużat ġie arrestat fl-4 ta' Ġunju 2013 mal-wasla tiegħu f'Malta. L-għada 5 ta' Ġunju huwa rrilaxxa żewġt stqarrijiet lill-pulizija. Waqt li kienet quddiem l-Ispettur Farrugia, l-allegata vittma ngħatat l-isem proprju tar-rikorrent. L-Ispettur Farrugia tispjega li ftit tal-ħin wara li l-allegata vittma telqet mill-uffiċju tagħha u allura ftit tal-ħin wara li ffirmat id-dikjarazzjoni surriferita, hija rċeviet telefonata mingħandha fejn instemgħet aġitata u qaltilha li trid li l-pulizija jipproċedu kontra r-rikorrent ukoll dwar l-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali għaliex kif waslet id-dar kienet fittxet ismu fuq l-*internet* u qrat illi huwa kien nstab ħati ta' reati simili minn Qrati esteri. L-Ispettur Farrugia tkompli tgħid illi hija kienet għalhekk qalet lill-allegata vittma sabiex terġa tmur l-uffiċju tagħha l-għada, 5 ta' Ġunju 2013 fejn l-allegata vittma rrilaxxat dikjarazzjoni dettaljata bil-miktub dwar l-allegazzjonijiet kemm ta' abbuż sesswali kif ukoll ta' frodi.

Fis-6 ta' Ġunju 2013 ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat bl-imsemmija reati ta' abbuż sesswali u frodi. Dik il-Qorti, wara li semgħet lill-Ispettur Ian Abdilla mit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomiċi kif ukoll lill-allegata vittma, li xehdet fit-tul, u wara li ħadet konjizzjoni tad-dokumenti li ġew esebiti mill-prosekuzzjoni sa dak l-istadju, fit-3 ta' Lulju 2013 tat digriet skont l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn iddikjarat li kien hemm biżżejjed evidenza *prima facie* sabiex l-akkużat jitqiegħed taħt att t'akkuża u ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu rinvijati lill-Avukat Ġenerali.

Kien biss wara li l-Qorti għamlet dan id-digriet u ċioè fl-20 ta' Novembru 2013 li l-Ispettur Abdilla ppreżenta quddiem il-Qorti Istruttorja kopja tad-dikjarazzjoni tal-allegata vittma tal-4 ta' Ġunju 2013 fejn hija kienet iddikjarat li ma tridx lill-pulizija jkomplu jinvestigaw lir-rikorrent dwar l-allegat abbuż sesswali. Ir-rikorrent jikkontendi li bl-imsemmija dikjarazzjoni, l-allegata vittma kienet irrinunzjat għall-kwerela magħmula minnha, u peress li huwa magħruf illi tali rinunzja ma tistax tiġi rtirata, l-azzjoni kriminali, sa fejn din tolqot l-akkużi ta' abbuż sesswali, hija estinta.

Permezz ta' rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent talab lill-Qorti Istruttorja sabiex tiddikjara li l-akkużi ta' abbuż sesswali huma estinti stante l-irtirar tal-kwerela da parti tal-allegata vittma. Il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent permezz ta' digriet datat 3 ta' Diċembru 2014 fejn qalet hekk:

> "*The Court deems that once this Court as a Court of Criminal Inquiry decreed in terms of article 401(2) of the Criminal Code that there were sufficient grounds to commit the accused for trial on indictment, then the main function and powers of this Court is to gather evidence and hear witnesses in accordance with the note of renvoi sent by the Attorney General.*
>
> *It is well established that the waiver of a complaint brings about the extinction of the action. This Court as a Court of Criminal Inquiry and in this case after having committed the accused for trial on indictment does not have the*

*function nor the power to decide on whether the action with regards to the sexual offences with reference to the accused has been extinguished. The situation could have been different if this Court were a Court of Criminal Judicature.*

*Thus, in view of the above the Court will not examine the other issues raised by the accused namely (i) whether a complaint can be validly withdrawn before proceedings; and (ii) once a waiver is made can then a fresh complaint be made on the same issue."*

Ir-rikorrent għalhekk ressaq l-ilmenti tiegħu permezz ta' din il-kawża. Jirriżulta li llum il-ġurnata r-rikorrent jinsab arrestat ġewwa Spanja u allura l-kumpilazzjoni tal-provi tinsab wieqfa.

L-ewwelnett r-rikorrent jilmenta minn leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi wkoll:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun*

*rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

L-intimati jeċċepixxu preliminarjament li sa fejn l-ilment tar-rikorrent huwa bbażat fuq allegat leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, din it-talba hija waħda intempestiva stante li l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu għadhom pendenti.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet Imbrioscia v. Switzerland tal-24 ta' Novembru 1993 ingħad li:

"*In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case.*"

Kif tikteb Karen Reid fil-ktieb A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights, tielet edizzjoni, paġna 70:

"*While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall*."

Dwar l-eċċezzjoni tal-intempestività, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jirriżulta l-prinċipju fis-sens illi għalkemm huwa minnu li l-ħarsien tad-dritt ta' smigħ xieraq għandu jiġi evalwat fil-kuntest tal-proċeduri kollha, u għalhekk ikun prematur li wieħed jiddeċiedi fi stadju bikri tal-proċess, meta digà jkun hemm raġunijiet biżżejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm leżjoni, m'ghandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-każ kollu jew tistenna li attwalment jiġi miksur il-jedd sabiex tiddeċiedi jekk hemmx leżjoni jew le. Dan għaliex jista' jagħti l-każ li jkun tard wisq jew li l-persuna tibqa' mingħajr rimedju.
Fid-deċizjoni tagħha tas-16 ta' Marzu 2011 fil-kawża fl-ismijiet Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali, il-Qorti

Kostituzzjonali aċċettat dak li kienet qalet l-Ewwel Qorti illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigħ xieraq, hemm bżonn illi jsir apprezzament tal-proċess kriminali kollu. Ladarba f'dak il-każ il-proċess kriminali kien għadu mhux mitmum, kien għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi jistgħu joperaw ir-regoli illi l-appellant kien qiegħed jilmenta dwarhom.

Intqal hekk:

> "*Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-Appellant, kemm ghax l-Appellant ghad ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji u l-mezzi ta` harsien kollha li jaghtih il-process penali – u ghalhekk ghad ghandu rimedji taht il-ligi ordinarja – u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis il-process penali kollu kemm hu – ghax ghadu ma sarx – biex tkun tista` tghid kienx hemm ksur tal- jeddijiet fondamentali, mhux f`episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjoniiet tal-ligi attakkati.*"

Fil-każ ta' Tyrone Fenech and others v. Malta deċiż fil-5 ta' Jannar 2016, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> "*The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, Papadopoulos v. Greece (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an*

*event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010).*

*In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually acquitted or that proceedings be discontinued (compare, Dimech, cited above, § 46).*

*The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, cited above, § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010).*

*The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants` possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.*

*Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies."*

Din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk fil-każ ta' Rosette Thake et noe vs Kummissjoni Elettorali et tas-26 ta' April 2018:

> "*Il-kwadru li johrog minn din il-gurisprudenza fl-assjem taghha huwa li meta l-proceduri li dwarhom isir l-ilment ikunu ghadhom ma ntemmewx, u ma jkunx ghadu maghruf kif se jkun zvantaggjat ir-rikorrent, il-procediment kostituzzjonali jista` jitqies intempestiv. Fl-istess waqt ilment dwar allegat ksur tal-jedd li jsir waqt proceduri li jkunu pendenti jista` jinghata konsiderazzjoni jekk id-dritt lamentat jkun x`aktarx ser jigi vjolat u jekk il-ksur ikun wiehed reali u imminenti*."

Għalkemm huwa minnu li kemm il-Qrati tagħna kif ukoll il-Qorti Ewropea kkonċedew li in linea eċċezzjonali xi fattur partikolari tal-proċeduri jista' jkun tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni, dan mhuwiex il-każ fil-proċeduri tal-lum, sa fejn l-ilment tar-rikorrent huwa dwar l-estinzjoni tal-akkużi minħabba d-dikjarazzjoni li għamlet l-allegata vittma fl-4 ta' Ġunju 2013.

Dan għaliex fil-każ tal-lum il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali għad trid tevalwa r-relevanza ta' dik id-dikjarazzjoni tal-allegata vittma u għalhekk, it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti ssib leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq abbażi ta' dik id-dikjarazzjoni hija ghal kollox intempestiva u prematura.

Għalkemm ingħatat deċizjoni mill-Qorti Istruttorja, li hija wkoll finali, fis-sens illi mhijiex il-funzjoni ta' dik il-Qorti li tieħu deċiżjoni dwar jekk humiex estinti l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent, dan huwa biss episodju fil-proċess li għandu jwassal għad-deċizjoni finali dwar dawn l-akkużi. Sabiex wieħed jara jekk minħabba l-akkużi kriminali in kwistjoni ġewx leżi l-jeddijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu, u mhux episodju wieħed meħud waħdu.

Għalkemm dwar id-deċizjoni meħuda mill-Qorti Istruttorja ma hemmx rimedju ordinarju ieħor, dwar il-validità tal-akkuzi fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-allegata vittma, il-proċess ordinarju

għadu għaddej, u għalhekk ir-rikorrent għadu jista' jinqeda bir-rimedji li tagħtih il-liġi ordinarja quddiem il-Qrati muniti b'ġurisdizzjoni penali.

Il-Qorti żżid tgħid li l-jedd imħares taħt l-artikolu 6 huwa dwar id-deċizjoni fuq l-akkuża kriminali, u mhux dwar id-deċizjoni fuq jekk ir-rikorrent għandux jiġi msejjaħ biex iwieġeb għall-akkuża.

L-intimati jkomplu billi jeċċepixxu li għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba li allegatament ġiet irtirata l-kwerela, din il-kwistjoni mhijiex waħda ta' indoli kostituzzjonali iżda se mai hija kwistjoni li għandha tiġi dibattuta u trattata fil-forum kompetenti u ċioè il-Qrati muniti b'ġurisdizzjoni penali wara li tiġi konkluża l-kumpilazzjoni.  Din il-Qorti tikkondividi din il-fehma.

Huwa magħruf illi mhuwiex l-iskop ta' proċeduri ta' indoli kostituzzjonali li jieħdu post dawk ordinarji, jew li qrati b'setgħat kostituzzjonali jiddeciedu kwistjonijiet qabel ma dawn jigu decizi mill-qrati ordinarji. Fil-każ odjern jigi senjalat li d-determinazzjoni tal-fatt jekk kienx hemm irtirar tal-kwerela jew le hija ta' kompetenza tal-qrati kriminali ordinarji u għalhekk dan il-punt għandu l-ewwel jiġi investigat u deċiż minn dik il-qorti li hija munita bil-kompetenza li tiddeċiedi kwistjonijiet relatati mal-validità tal-akkużi, liema Qorti dejjem għandha s-setgħa tagħmel riferenza kostituzzjonali jekk tħoss li dan huwa meħtieġ biex tiddeciedi l-kwistjoni.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li huwa ma setax iħejji difiża prattika u effettiva minħabba n-nuqqas tal-prosekuzzjoni milli tesebixxi d-dikjarazzjoni tal-allegata vittma qabel id-digriet tal-*prima facie*.  Huwa jgħid illi minħabba f'hekk, ma ġiex osservat il-prinċipju li l-proċeduri għandhom ikunu *adversarial* u lanqas dak ta' *audi alteram partem*.

Il-Qorti Ewropea tiddiskrivi d-dritt għall-*adversarial proceedings* bħala '*the opportunity for the parties to a criminal or a civil trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed...*' (J.J. v. Netherlands tas-27 ta' Marzu

1998). Il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li l-Qorti tisma' liż-żewġ naħat.

Fil-każ ta' Rowe and Davis v. United Kingdom, deċiż fis-16 ta' Frar 2000, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> *"It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosection and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party... In addition Article 6(1) requires...that the prosecution authorities should disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused."*

Fil-kuntest ta' din il-kwistjoni, il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tar-rikorrent. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta dwar proċeduri li għadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi, fejn allura l-Qorti ma ġietx mitluba tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tar-rikorrent qua akkużat imma biss jekk hemmx raġunijiet biżżejjed sabiex jitqiegħed taħt att t'akkuża. Dwar il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja, intqal hekk fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Cassar Galea, deċiż mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-11 ta' April 1984:

> *"Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruttorja għandha primarjament il-funzjoni li tiġbor il-provi u tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Għalhekk essenzjalment għalkemm f'ċertu sens trid bilfors tidħol fil-meritu tal-każ kif jgħid il-Professur Sir A. Mamo, fin-noti tiegħu (Vol. III, p. 122) "this court is not a court of trial but a court of enquiry. In other words its function is not that of "deciding" on the merits of the charges brought before it with a view to convincing and sentencing the accused person, but that of collecting and conserving the evidence and computing the record which*

*may eventually serve as the basis for the trial before the Criminal Court."*

Ir-rikorrent jgħid illi kieku l-prosekuzzjoni żvelat id-dikjarazzjoni tal-allegata vittma qabel id-digriet tal-*prima facie*, huwa kien ikun f'posizzjoni li jqajjem il-punt tiegħu quddiem il-Qorti Istruttorja li kienet imbagħad tiddeċiedi il-kwistjoni. Din il-Qorti ma taqbilx. Ir-rikorrent ma jgħidx taħt liema disposizzjoni tal-liġi qiegħed jippretendi li l-Qorti Istruttorja għandha l-poter tiddeċiedi jekk l-azzjoni kriminali, jew parti minnha, hijiex estinta, jew taħt liema liġi seta' jikkontesta d-digriet tal-*prima facie* li kieku l-prosekuzzjoni esebiet id-dikjarazzjoni tal-allegata vittma qabel l-imsemmi digriet.

Din il-Qorti ttenni li r-rikorrent ser ikollu kull opportunità jħejji d-difiża tiegħu quddiem il-Qorti munita b'ġurisdizzjoni penali meta jkun il-waqt li dik il-Qorti tissejjaħ sabiex tieħu deċiżjoni dwar l-akkużi miġjuba kontrih.

Ċertament għalhekk ma jistax jingħad li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent minħabba li d-dikjarazzjoni in kwistjoni ġiet esebita mill-prosekuzzjoni f'stadju u mhux ieħor tal-kumpilazzjoni tal-provi.

Madankollu, din il-Qorti żżid tgħid li minkejja li huwa minnu li d-dikjarazzjoni ġiet esebita wara li l-Qorti Istruttorja tat id-digriet tagħha, jirriżulta ċar mill-atti tal-kumpilazzjoni li dik il-Qorti kienet ben konxja dwar il-mod kif żvolġa l-każ minn meta l-allegata vittma marret l-ewwel darba l-għassa fl-4 ta' Ġunju 2013.

Din il-Qorti qiegħda tgħid hekk għaliex jirriżulta li qabel tat id-digriet, il-Qorti Istruttorja semgħet lill-allegata vittma tixhed fit-tul, fejn din tal-aħħar spjegat kif għal-ewwel kienet inċerta dwar jekk għandhiex tipproċedi bir-rapport tagħha dwar l-abbuż sesswali, imma li talbet lill-pulizija jkomplu bl-investigazzjonijiet tagħhom wara li saret taf li r-rikorrent nstab ħati ta' reati simili minn qrati esteri. B'żieda ma' dan, quddiem il-Qorti Istruttorja l-Ispettur Abdilla kien xehed hekk fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2013:

> "*…just to be fair with everybody,* (omissis) *initially did not want to lodge a report regarding the sexual activities with the accused, but stated that she only wanted her money back and was ready to forgive him and close that chapter of her life, partly because she felt like manipulated by him not in the bad sense. But having through his words, through his soft talk he would manipulate her to lodge the report vis-à-vis fraud and in fact when the accused was arrested I spoke to him about just fraud.*"

L-Ispettur Abdilla imbagħad kompla billi qal illi waqt li r-rikorrent kien għadu taħt arrest:

> "*the victim phoned the police department again panicking and this time she asked that the report vis-à-vis the rape be taken again by the police and investigated.*"

Dan ifisser li minkejja li l-Qorti Istruttorja ma kellhiex id-dikjarazzjoni tal-allegata vittma tal-4 ta' Ġunju quddiemha meta tat id-digriet tagħha tal-*prima facie*, dik il-Qorti kellha stampa ċara quddiemha ta' dak kollu li wassal sabiex ittieħdu passi kriminali kontra r-rikorrent. Tant huwa hekk li fid-digriet tagħha dwar it-talba tar-rikorrent sabiex tiddikjara estinti l-akkużi relatati mal-abbuż sesswali, il-Qorti Istruttorja qalet hekk:

> "*Thus, although the signed declaration wherein* (omissis) *declared that she wanted the police to refrain from investigating the accused and not to arraign him with regards to the report on sexual abuse which she had lodged on the 2nd June 2013 at the Hamrun Police Station was filed after the prima facie decree was delivered, yet the Prosecuting Officer had clearly testified with regards to the sequence of events and this prior to the prima facie decree*."

Ir-rikorrent imbagħad jilmenta minn dewmien sabiex tiġi konkluża l-kumpilazzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali tat-22 ta' April 2015, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli:

*"Illi ngħad ukoll b'awtorita` mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża.*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to*

*organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)].”*

*Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f’qagħda li żżid tgħallem li “whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]”.*

*Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija ‘l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: “reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...” magħdud ma’ dawn ukoll “..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation” . Ta’ min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi ‘l quddiem ta’ smigħ ta’ kawża ta’ indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b’effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali.*

*…*

*Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta’ smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta’ proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni “is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-*

*law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand".*

*Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence"; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."*

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Gatt vs Avukat Ġenerali, deċiża fit-28 ta' Frar 2014, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrent fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrent bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide*

*Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII; Q.Kos. Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et, 28 Jannar 2013, para.22).*

*Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-Qorti ma tqisx illi l-kumpilazzjoni tal-provi qiegħda tieħu xi tul ta' żmien irraġonevoli tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-prosekuzzjoni ddikjarat li m'għandhiex aktar provi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2016. Ma jirriżultax illi kien hemm numru kbir ta' seduti fejn ma sar xejn, filfatt jista' jingħad illi l-prosekuzzjoni ressqet provi prattikament f'kull seduta. Kien biss għall-perjodi ta' madwar ħames xhur fil-bidu tas-sena 2014 li ma kien qiegħed isir xejn fejn numru ta' seduti kellhom jiġu differiti sakemm il-kumpilazzjoni tal-provi ġiet assenjata lill-Maġistrat Inkwerenti li qiegħda tippresjedi l-kumpilazzjoni llum. B'daqshekk, din il-Qorti ma tarax illi ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll għaliex jgħid illi l-proċess ġie mtawwal inutilment minħabba t-talba għall-ittri rogatorji minn prattikament kull stat Ewropew. Dan ma jirriżultax li huwa minnu in kwantu li l-ittri rogatorji saru biss lil erba' pajjiżi, u minkejja li kien hemm ċertu dewmien sakemm saru t-traduzzjonijiet meħtieġa u ċċarati xi punti fir-risposti tal-awtoritajiet esteri, din il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan id-dewmien isarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fuq kollox, din il-Qorti tinnota li illum il-ġurnata l-kumpilazzjoni tinsab wieqfa minħabba li r-rikorrent jinsab arrestat Spanja u mhux minħabba xi nuqqas tal-prosekuzzjoni jew tal-Avukat Ġenerali. Il-Qorti tqis ukoll illi tul il-kumpilazzjoni r-rikorrent ngħata permess li jsiefer sabiex ikun jista' jżur lill-ommu li kienet marida u saħansitra wara li mietet ommu wkoll ngħata permess jibqa' jgħix l-Olanda ma missieru li minħabba l-eta tiegħu kellu bżonn l-għajnuna tar-rikorrent.

Ir-rikorrent imbagħad jilmenta mill-ordni tal-Qorti Istruttorja sabiex il-proċeduri jinstemgħu bil-magħluq. Jikkontendi li l-ordni tal-Qorti sabiex il-proċeduri kollha jinstemgħu bil-magħluq mhijiex fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Fil-każ ta' B and P v. United Kingdom tal-24 ta' April 2001, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> "*The requirement to hold a public hearing is subject to exceptions. This is apparent from the text of Article 6 § 1 itself, which contains the proviso that "the press and public may be excluded from all or part of the trial ... where the interests of juveniles or the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice". Moreover, it is established in the Court's case-law that, even in a criminal-law context where there is a high expectation of publicity, it may on occasion be necessary under Article 6 to limit the open and public nature of proceedings in order, for example, to protect the safety or privacy of witnesses or to promote the free exchange of information and opinion in the pursuit of justice…*"

Fil-każ ta' Doorson v. The Netherlands tas-26 ta' Marzu 1996 intqal hekk:

> "*It is true that Article 6 (art. 6) does not explicitly require the interests of witnesses in general, and those of victims called upon to testify in particular, to be taken into consideration. However, their life, liberty or security of person may be at stake, as may interests coming generally within the ambit of Article 8 (art. 8) of the Convention. Such interests of witnesses and victims are in principle protected by other, substantive provisions of the Convention, which imply that Contracting States should organise their criminal proceedings in such a way that those interests are not unjustifiably imperilled. Against this background, principles of fair trial also require that in appropriate cases the interests of the defence are balanced*

*against those of witnesses or victims called upon to testify."*

Hawnhekk ukoll, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrent. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni stess jipprovdi li l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha meta l-interess tal-ħajja privata ta' xi waħda mill-partijiet hekk teħtieġ. Tenut kont tan-natura tal-akkużi miġjuba kontrih, quddiem il-Qorti Istruttorja qegħdin jinstemgħu xhieda u jiġu miġjuba provi li jiżvelaw dettalji personali u intimi tal-partijiet u allura kien meħtieġ illi dik il-Qorti, sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-istess partijiet, kif ukoll fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, tordna li l-proċeduri kollha jinstemgħu bil-magħluq.

Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti bdiet biex ikkunsidrat illi l-artikolu 13 jipprovdi illi:

*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Ir-rikorrent qiegħed jilmenta minn leżjoni ta' dan l-artikolu għaliex skont hu, m'għandux rimedju effettiv quddiem il-Qorti Istruttorja għaliex m'għandhiex is-setgħa tiddikjara li l-akkużi miġjuba kontrih huma estinti.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Rosalie Darmanin vs Il-Prim Ministru et, tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn gie ritenut:

*"Illi bhalma jghodd fil-kaz tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, hekk ukoll fil-kaz tal-artikolu 13 huwa accettat li "Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention" Van Dijk, Van Hoof, Van Riju, Zwaak, "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (14th Edition, 2006), § 32.2.1., p. 998); Minhabba f'hekk, dak l-artikolu huwa meqjus bhala wiehed*

> *ta' sura ancillari. Ir-rimedju effettiv irid ikun disponibbli fil-qafas tal-ordinament tal-Istat li fih ikun sehh il-ksur ta' jedd sostantiv tal-Konvenzjoni."*

Fid-deċizjoni fil-każ fl-ismijiet Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania tas-17 ta' Lulju 2014 il-Qorti Ewropea irriteniet illi:

> *"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II)."*

Fil-każ in eżami din il-Qorti tgħid illi r-rikorrent ma jistax jiġi kkunsidrat bħala vittma tal-leżjoni pretiża minnu għar-raġunijiet li diġa ngħataw f'din id-deċiżjoni u lanqas għandu '*an arguable complaint*'. Għaldaqstant, it-talba tiegħu għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni qeghda wkoll tiġi miċħuda.

Dwar il-pretiza vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti qieset illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."*

Ir-rikorrent jgħid illi ġie leż id-dritt tiegħu għall-ħajja privata u għall-familja minħabba li jinsab għaddej minn proċeduri kriminali għall-akkużi li skont hu, huma legalment infondati għaliex l-azzjoni kriminali, dejjem referibbilment għall-akkużi ta' abbuż sesswali, hija estinta.

Din il-Qorti diġa espremiet il-fehma tagħha li l-kwistjoni dwar jekk ġietx irtirata l-kwerela, u konsewentement jekk parti mill-azzjoni kriminali hijiex estinta, għandha tiġi deċiża mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali, u mhux minn din il-Qorti.

Huwa stabbilit skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li l-interferenza għad-dritt sanċit permezz tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jrid ikollha bażi legali, għan leġittimu u l-interferenza għandha tkun waħda neċessarja f'soċjetà demokratika.

Mhux kontestat illi l-arrest tar-rikorrent u s-sussegwenti liberta proviżorja soġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet saret skont il-liġi. Dwar l-għan leġittimu wara l-interferenza, intqal fil-każ ta' Van Der Heijden v. the Netherlands tat-3 ta' April 2012:

*"It is not contested that the interference pursued a "legitimate aim" – namely the protection of society by inter alia "the prevention of crime", that concept encompassing the securing of evidence for the purpose of detecting and prosecuting crime."*

Dwar in-neċessita tal-interferenza f'soċjetà demokratika, fil-każ ta' Handyside v. United Kingdom tas-7 ta' Diċembru 1976 il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*"By reason of their direct and continuous contact with the vital forces of their countries, State authorities are in principle in a better position than the international judge to give an opinion n the exact content of these requirements as well as on the 'necessity' of a 'restriction' or 'penalty' intended to meet them*."

Applikati dawn il-prinċipji għal każ odjern, il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-ħajja privata u familja abbażi tal-fatti kif esposti minnu. Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja fis-6 ta' Ġunju 2013. Dakinhar huwa ma kkontestax il-validita tal-arrest imma talab il-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti ċaħdet it-talba tiegħu minħabba biża ta' intralċ fil-ġbir tal-provi kif ukoll minħabba l-possibilità li r-rikorrent jaħrab minn Malta. Wara li nstemgħu x-xhieda meħtieġa, huwa ngħata ħelsien mill-arrest taħt numru ta' kundizzjonijiet li l-Qorti qieset li kienu neċessarji fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Imbagħad, fuq talba tiegħu, il-Qorti Istruttorja tat permess lir-rikorrent iżur lill-ommu li mardet fil-mori tal-proċeduri. Il-Qorti tinnota wkoll illi wara li mietet ommu, il-Qorti Istruttorja ppermettiet lir-rikorrent jmur jgħix l-Olanda sabiex jieħu ħsieb lil missieru li kien marid u ta' età avvanzata.

Din il-Qorti tqis għalhekk li ma kien hemm xejn li seta' jilledi d-dritt tar-rikorrent għall-ħajja privata u familja.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu, din it-talba ma tistax tiġi kkunsidrata għaliex, kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Dr Joseph Giglio noe vs Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2017:

*"L-ilment tar-rikorrenti bazat fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi mistharreg peress illi dan l-artikolu huwa sempliciment dahla ghal-lista tad-drittijiet umani, kif elenkati fil-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova taghmel – ara "<u>Chabab</u>*

*vs Avukat Generali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2013."*

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-intempestività mressqa mill-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG